**3.4.1.**

# REGOLI DWAR L-OBBLIGI TA' TRASPARENZA TAL-INTERGRUPPI U TAL-GRUPPI MHUX UFFIĊJALI

## DEĊIŻJONI TAL-BUREAU

## TAT-22 TA' APRIL 2024

IL-BUREAU TAL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 35 u 36 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew,

(1) billi Membri individwali jistgħu jifformaw intergruppi jew gruppi mhux uffiċjali bl-għan li jorganizzaw skambji informali ta' fehmiet dwar kwistjonijiet speċifiċi minn gruppi politiċi differenti u li jippromwovu l-kuntatt mas-soċjetà ċivili; billi huma soġġetti għal obbligi ta' trasparenza u ma għandhom jinvolvu ruħhom fl-ebda attività li tista' tirriżulta f'konfużjoni mal-attivitajiet uffiċjali tal-Parlament jew tal-korpi tiegħu,

(2) billi, minbarra dawn l-obbligi ta' trasparenza, id-Deċiżjoni tal-Bureau tat-12 ta' Ġunju 2023 dwar ir-regoli li jirregolaw il-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess f'avvenimenti li jsiru fil-bini tal-Parlament tapplika għal-laqgħat u l-avvenimenti tal-intergruppi u tal-gruppi mhux uffiċjali,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*
*Obbligi ta' dikjarazzjoni ta' appoġġ fir-rigward ta' intergruppi u gruppi mhux uffiċjali*

L-intergruppi u l-presidenti ta' gruppi mhux uffiċjali jew Membri li jipparteċipaw fihom huma meħtieġa jiddikjaraw l-appoġġ dirett u indirett kollu, kemm jekk fi flus kif ukoll jekk f'forma mhux finanzjarja, riċevut minn jew f'isem l-intergrupp jew il-grupp mhux uffiċjali kif ukoll l-identità tal-parti terza li li tipprovdi dak l-appoġġ.

*Artikolu 2*
*Dikjarazzjonijiet ta' appoġġ riċevut mill-intergruppi*

1. Kull intergrupp stabbilit f'konformità mar-regoli interni tal-Parlament[1] għandu jissottometti dikjarazzjoni ta' appoġġ fuq bażi annwali.

2. Is-sottomissjoni tad-dikjarazzjoni għandha tkun ir-responsabbiltà individwali ta' kull detentur ta' kariga fl-intergrupp. Id-detenturi ta' kariga għandhom jiddeċiedu liema minnhom se jissottomettu d-dikjarazzjoni f'isem l-intergrupp. Dak id-detentur ta' kariga għandu jkun meħtieġ jiddikjara kwalunkwe appoġġ, kemm jekk fi flus kif ukoll jekk f'forma mhux finanzjarja, li kien ikollu jiġi ddikjarat li kieku kien ġie offrut lill-Membri bħala individwi skont l-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament.

[1] Deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tas-16 ta' Diċembru 1999.

3. Id-dikjarazzjonijiet annwali ta' appoġġ riċevuti mill-intergruppi għandhom jiġu sottomessi permezz tal-formola disponibbli fl-e-Portal għall-Membri kif stabbilit fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

4. Is-servizz kompetenti għandu jżomm, f'isem il-Kwesturi, ir-reġistru tal-intergruppi u tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ tagħhom. Id-dokumenti f'dak ir-reġistru għandhom jiġu ppubblikati online fil-paġna web iddedikata tal-Parlament.

5. Qabel ma jaċċetta u jippubblika dikjarazzjoni ta' appoġġ riċevut, is-servizz kompetenti għandu jwettaq kontroll tal-plawżibbiltà tad-dikjarazzjoni. Jekk mill-informazzjoni fl-isfera pubblika jirriżulta li d-dikjarazzjoni tista' ma tkunx kompluta, is-servizz jista' jitlob kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa, jew jistieden lid-detentur ta' kariga rilevanti biex jirrevedi d-dikjarazzjoni qabel ma tiġi ppubblikata.

*Artikolu 3*
*Dikjarazzjonijiet ta' appoġġ riċevuti f'isem gruppi mhux uffiċjali*

1. Il-Presidenti jew il-Membri li jipparteċipaw fi gruppi mhux uffiċjali għandhom ikunu meħtieġa jiddikjaraw kwalunkwe appoġġ, inkluż fi flus kontanti jew f'forma mhux finanzjarja, skont l-Artikolu 36(4) tar-Regoli ta' Proċedura. Id-dikjarazzjoni għandha tintbagħat kull darba li jkun hemm bidla fl-appoġġ riċevut.

2. Id-dikjarazzjonijiet inizjali u aġġornati ta' appoġġ riċevut għandhom jiġu sottomessi mill-President jew mill-membri parteċipanti permezz tad-dikjarazzjoni tal-interessi privati tagħhom bl-użu tal-formola disponibbli fl-e-Portal għall-Membri fl-Anness I(F) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni għall-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Parlament Ewropew rigward l-Integrità u t-Trasparenza (Deċiżjoni tal-Bureau tas-16 ta' Ottubru 2023).

3. Is-servizz kompetenti għandu jżomm, f'isem il-Kwesturi, ir-reġistru tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ sottomessi f'isem il-gruppi mhux uffiċjali. Id-dokumenti f'dak ir-reġistru għandhom jiġu ppubblikati online.

4. Qabel ma jaċċetta u jippubblika dikjarazzjoni ta' appoġġ riċevut, is-servizz kompetenti għandu jwettaq kontroll tal-plawżibbiltà tad-dikjarazzjoni. Jekk ikun jidher mill-informazzjoni fl-isfera pubblika li d-dikjarazzjoni tista' ma tkunx kompluta, is-servizz jista' titlob kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa, jew jistieden lill-President jew lill-Membru parteċipanti biex jirrevedu d-dikjarazzjoni qabel ma din tiġi ppubblikata.

*Artikolu 4*
*Kwestur responsabbli*

Il-Kwesturi għandhom jaħtru minn fost il-Kwesturi tagħhom li għandhom ikunu responsabbli, f'isimhom, għall-monitoraġġ tal-konformità mal-Artikoli 35 u 36 tar-Regoli ta' Proċedura kif ukoll ma' dawn ir-regoli.

*Artikolu 5*
*Projbizzjoni tal-użu tal-faċilitajiet tal-Parlament*

1. F'każ ta' ksur tal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 35(2), (4) u (5), u fl-Artikolu 36(2), (3), (4) u (5), il-Kwesturi jistgħu jiddeċiedu li jimponu projbizzjoni fuq intergrupp jew grupp mhux uffiċjali milli jużaw il-faċilitajiet tal-Parlament, għal perjodu li ma jistax jaqbeż il-bqija tal-leġiżlatura. Id-deċiżjoni tal-Kwesturi hija finali.

   Din il-projbizzjoni mill-użu tal-faċilitajiet tal-Parlament hija mingħajr preġudizzju għall-penali possibbli għall-Membri individwali skont l-Artikolu 183 tar-Regoli ta' Proċedura għan-nuqqas ta' konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 35 u 36 tar-Regoli ta' Proċedura.

2. Meta jikkunsidraw ksur possibbli skont il-paragrafu 1, il-Kwesturi għandhom jistiednu lill-Membru kkonċernat jew lill-Membri kkonċernati jattendi/jattendu seduta ta' smigħ jew jippreżenta/jippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub.

*Artikolu 6*
*Dħul fis-seħħ*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fis-16 ta' Lulju 2024.

Anness I

DIKJARAZZJONI

Skont l-Artikolu 35 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Jien, hawn taħt iffirmat/a,

Kunjom: ………………………………………………………………………..

Isem: ……………………………………………………………………………

fil-kapaċità tiegħi bħala President/detentur ta' kariga tal-intergrupp

…………………………………………………………………………………...

b'dan niddikjara li, b'rabta mal-attivitajiet politiċi tal-intergrupp, jiena rċevejt l-appoġġ estern li ġej:

(a) fil-forma ta' appoġġ finanzjarju:

mogħti minn *

(b) fil-forma ta' riżorsi umani:

mogħti minn *

(c) fil-forma ta' riżorsi materjali:

mogħti minn *

*Indika t-terzi partijiet li mingħandhom irċivejt l-appoġġ.

Kwalunkwe informazzjoni oħra